# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1934

## WARA DISA' SNIN

Bil-għajnuna t'Alla, b'dan il-għadd dħalna fil-għaxar sena tar-Rivista tagħna, "Il-Malti."

Faraġ kbir għalina, għaliex, ingħiduha kif inhi, fil-bidu tal-ħruġ tagħha, qalb ħafna twegħir u qtigħ ta' qalb, bil-kemm konna nobsru li sejra tgħix daqshekk: u akbar il-faraġ tagħna, għaliex f'dan iż-żmien kollu, mhux biss li ma tilfetx minn saħħitha, iżda twettqet iżjed; u aħna, għalkemm imċaħħdin minn kull għajnuna barranija, ma tbegħedna qatt mit-trieq li konna ħażżejna fil-bidu tal-ħruġ tagħha.

Kien Jannar tal-1925 meta deher l-ewwel ktieb ta' "Il-Malti," u s-sur Ġużé Muscat - Azzopardi, Alla jagħtih il-ġenna, li kien maħtur Diretтur tar-Rivista, kiteb "L-Ewwel Kelmiet," fejn bil-għaqal kollu u bi kliem meqjus u sabiħ fisser x'kienet il-fehma tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti," u medd il-programm tax-xogħol li għalih kienet sejra toħroġ ir-Rivista.

Ma satax jitkellem minn qalbu aktar minn hekk: "Dan il-ktieb," qal "ma għandux x'jaqsam ma' *Partiti* la ta' pulitka u anqas ta' festi, ta' baned, ta' logħob u praspar oħra. Il-kittieba ta' kull lewn u ta' kull bixla, merħba

bihom kollha: imma qabel ma jirfsu l-għatba ta' darna, jridu jinżgħu kull ġibda li tbiegħed minn ħsiebna u jħalluha wara l-bieb ta' barra, għax inkella ma nkunux nistgħu nilqgħuhom, ankas jekk ikunu l-aqwa ħbieb tal-lsien malti u tagħna nfusna."

Issa għaddew disa' snin u bdejna l-għaxar waħda, u dak il-kliem tad-Direttur ta' qbilna seħħ għal kollox; qatt ebda ħjiel ta' partiti ma xiref minn "il-Malti"; qatt ma għawwiġna, qatt ħadd ma daħal f'darna, li ma kienx jaqbel ma' fehmitna.

U ħaġa oħra qal is-sur Ġużè Muscat-Azzopardi f"L-Ewwel Kelmiet" li ma hi xejn anqas sabiħa minn ta' qbilha: "Il-ħsieb tagħna hu biss li nxerrdu dejjem iżjed il-qari tajjeb malti, għax hi għarukaża kbira illi lsienna, imfaħħar minn kittieba ta' l-Italja, ta' Franza, ta' l-Ingilterra u tal-Ġermanja, għadna ma nafux niktbuh tajjeb u b'alfabett wieħed."

Ħaġa sabiħa għedt, għaliex il-Malti hu l-lsien tagħna u kull ma hu tagħna għandu jkun għażiż għalina; għandna nfittxu li nżiduh u norqmuh. Xaqqufa tal-fuħħar qadim niġbruha bil-ħrara, ngħożżuha ġol-ħġieġ fil-Mużew, għaliex dik ix-xaqqufa nsabet f'pajjiżna, hi ħaġa tagħna, hi silta, għalkemm ċkejkna, mill-ħajja ta' nisel il-Malti; u kulħadd jifhem li nagħmlu sewwa: għaliex, mela, ma għandniex niġbru, innaddfu, inwettqu u nsebbħu kemm nistgħu lil dan ilsien tagħna, li hu qadim u ġdid f'ħin wieħed, li ma hux imbikkem bħal biċċa fuħħar, iżda jitkellem il-għerf, id-dehen, il-fehma, il-għaqal u t-tieba ta' missirijietna?

U ma rridux ninsew ħaġa li qal u li biha għalaq il-kelmiet ta' qabel l-ewwel Direttur ta' "Il-Malti": "Flaħħarnett nixtiequ ndaħħlu fi rjus l-egħdewwa tagħna—jew,

ingħidu aħjar, fi rjus dawk li qatt ma riedu jafu bina— li aħna la nifirħu meta naraw lil xi wħud jinqdew bil-Malti għall-ħsebijiet tal-pulitka tagħhom, u anqas ma rridu, bit-tixrid ta' lsienna, nirfdu lil dawk li jobogħdu t-Taljan: irridu biss, b'fehma safja u sabiħa, nagħmlu kemm nifilħu biex neħelsu mill-għajb li fih jinsab il-lsien

*tas-sbejħa fost is-sbieħ, Art li bennitna!"*

Wara disa' snin u fil-bidu tal-għaxar sena tar-Rivista tagħna, nistgħu ngħiduh aħna wkoll dan il-kliem, għaliex dan baqa' sas-siegħa ta' dan il-ħin il-ħsieb u l-fehma tagħna, u dan baqa'bla mittiefes il-programm ta' "Il-Malti."